18 ta' Frar, 2020

Onor Anġlu Farrugia
President tal-Kamra tar-Rappreżentanti
Kamra tar-Rappreżentanti
Il-Belt, Valletta

Għażiż President,

Permezz ta' din l-ittra qiegħed nirriżenja minn Deputat tal-Kamra tar-Rappreżentanti, fejn ġejt elett biex nirrappreżenta t-Tnax-il-Distrett Elettorali, u dan b'effett mill-aħħar ta' dan ix-xahar.

Kif taf, ir-raġuni tar-riżenja tiegħi hija l-ħatra tiegħi bħala Segretarju Ġenerali tal-grupp parlamentari tal-Partit Popolari Ewropew (PPE) fil-Parlament Ewropew mill-1 ta' Marzu li ġej.

Ippermettili ngħidlek li kien privileġġ straordinarju li nservi bħala rappreżentant tal-poplu matul dawn l-aħħar seba' snin, mill-elezzjoni ġenerali ta' Marzu 2013. Fl-istess ħin nistqarr miegħek li ma kienux snin faċli, la għalija u lanqas għad-demokrazija f'pajjiżna.

Jiena nittama li matul dawn is-snin, minkejja l-limitazzjonijiet tiegħi u l-iżbalji li għamilt, jiena tajt kontribut għat-tisħiħ tad-demokrazija parlamentari f'pajjiżna. Ma nħossx li d-demokrazija llum hija aktar b'saħħitha minn kif sibtha fl-2013. Iżda konvint daqs qatt qabel li l-Membru Parlamentari għandu sehem kbir fit-tisħiħ tad-demokrazija. Hekk pruvajt nagħmel bħala Membru ta' din il-Kamra u l-memorja ta' dawn is-seba' snin se nibqa' ngħożżha għall-kumplament ta' ħajti.

Nixtieq nieħu din l-opportunità sabiex nirringrazzjak tal-koperazzjoni li dejjem sibt minn għandek, kif ukoll mill-istaff tal-Kamra.

Inselli għalik,

Simon Busuttil

**SIMON BUSUTTIL** MA, M'JUR, LLD, MOM, MP

2, MERINO STREET, LIJA, LJA1162, MALTA | BUSUTTILSIMON@GMAIL.COM | 00356 7942 4993